MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta ta' l-4 ta' Dicembru, 2008

Numru 542/2007

**IL- PULIZIJA**
**SPETTUR ANTHONY CASSAR**

**KONTRA**

**RACHID LACHHEB**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra;

Rachid Lachheb ta’ 33 sena, imwieled nhar it- 22 ta’ April 1972, residenti fil- fond 7, Triq Orlando Zabbar, Xghajra, u detentur tal- karta tal- identita’ bin- numru 367800 (L);

Li gie mressaq quddiemha sabiex iwiegeb ghall-imputazzjonijiet;

Talli fil- 15 ta' Marzu 2006, ghal habta ta' 6.35am fi Triq l-Immakulata, Bormla, saq vettura Nru. KAQ- 657;
1) b'manjiera traskurata;

2) perikoluza;

3) b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni jew b'nuqqas ta' hila fl- arti jew professjoni jew b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat- traffiku, nvolontarjament ikkaguna offizi ta' natura gravi fuq il- persuna ta' Raymond Tabone skond kif iccertifika Dr. Allan Drago MD ta' SLH;

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xhieda prodotta;

**Ikkunsidrat:**

Illi l-incident mertu tal-kaz in esami kien incident awtomobilistiku bejn vettura misjuqa mill-imputat u mutur misjuq minn Raymond Tabone. Il-kollizjoni sehhet meta l-vettura misjuqa mill-imputat, KAQ-657, kienet fi Triq l-Immakulata, Bormla, sejra fid-direzzjoni tal-Fgura, u l-mutur misjuq minn Tabone, FAS-973, kien gej mid-direzzjoni opposta, tiela' lejn Cospicua. L-imputat kien kwazi wieqaf wara karozza tal-linja, miexi bil-mod fit-traffiku, meta hu hareg mill-karreggjata tieghu u dar ghal fuq il-lemin tieghu biex jidhol fi Triq il-Polverista. Hekk kif hu ghamel din il-manuvra, il-mutur misjuq minn Tabone kien sejjer fid-direzzjoni opposta u gie rinfaccjat bil-vettura tal-imputat taghlaq il-karreggjata tieghu habta u sabta. Tabone ma kellux bizzejjed hin biex jevita li jigri l-incident, u b'hekk sehhet il-kollizjoni.

Mill-provi prodotti l-Qorti hi tal-fehma li l-imputat ghandu jwiegeb ghal dan l-incident. Mill-iskizz esebit fl-atti, u mix-xiehda kemm ta' Tabone kif ukoll tal-imputat, il-Qorti tikkonkludi li r-responsabbilta' tal-incident hija kollha tal-istess imputat, u ta' hadd aktar. Kienet manuvra traskurata tieghu li wasslet biex sehh l-incident. Tabone kellu vizwali cara tat-triq, u ma kellu ebda ostakolu quddiemu jimpedilu l-vista jew it-triq innifisha. Hu ma kellu jibdel ebda karreggjata, peress li t-triq tieghu kienet dejjem wahda dritta. Kien l-imputat li minn triq principali ried jidhol fi triq ohra u b'hekk jaqsam il-karreggjati opposti fit-triq li kien fiha hu. Din il-manuvra tinnecessita li l-imputat izomm "a proper lookout" hu u jaghmel tali manuvra, sabiex jevita perikolu ghalih u ghal terzi.

Fost l-imputazzjonijiet hemm indikat li l-imputat saq b'manjera traskurata u perikoluza. Issa l-Qorti ma tistax tassumi li tali sewqan kien traskurat jew perikoluz semplicement ghax sehh l-incident, izda trid tesamina l-provi u tara s-sewqan tal-imputat kienx effettivament negligenti jew ta' perikolu. Ma ingiebet l-ebda prova li s-sewqan tal-imputat kien xi wiehed eccessiv, jew li kien ta' perikolu ghal terzi, apparti l-incident. Biex tirrizulta din l-imputazzjoni, trid issir prova li, per ezempju, l-imputat kien qed isuq b' velocita' eccessiva fi triq traffikuza, jew li kien qed jaghmel diversi manuvri biex jaqla' vetturi ohra, haga li zgur ma rrizultatx. Ghalhekk il-Qorti ma tarax li t-tieni imputazzjoni giet ippruvata, u minn din l-imputazzjoni l-imputat ser jigi lliberat.

Mhux l-istess jista' jinghad ghall-imputazzjonijiet l-ohra, izda. Il-manuvra li ghamel l-imputat kienet wahda traskurata, peress illi kellu joqghod aktar attent meta qed jaqsam karreggjati fi triq principali biex jidhol ghal triq ohra, izjed u izjed jekk il-vizwali tieghu kienet ostakolata mill-karrozza tal-linja quddiemu. Kwantu ghall-imputazzjoni ta' feriti gravi, din ukoll tirrizulta kemm mix-xiehda ta' Tabone kif ukoll mic-certifikati medici esebiti fl-atti. Ghalhekk il-Qorti tikkonkludi li l-ewwel u t-tielet imputazzjoni, li huma komprizi u involuti f'xulxin, jirrizultaw ippruvati, u l-imputat ser jinstab hati taghhom. Kwantu ghall-piena, il-Qorti rat li l-griehi sofferti minn Tabone

kienu ta’ certa gravita’, u ghalhekk din trid tigi riflessa ukoll fil-piena, li fil-fehma tal-Qorti ghandha tkun wahda pekunjarja akkumpanjata minn skwalifika tal-licenzja tas-sewqan tal-imputat ghal perijodu skond il-ligi.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti;**

1) Wara li rat l-Artikoli 15 (1) (a) (2) tal- Kapitolu 65 u l- Artikolu 226(1)(a) tal- Kapitolu 9 tal- Ligijiet ta’ Malta;

Din il- Qorti qed issib lil imsemmi imputat hati tal-ewwel u t-tielet imputazzjonijiet, u ghaldaqstant tikkundannah multa ta’ elfejn Ewro (€2,000);
Tordna l-iskwalifika tal-imputat mill- licenzja tas- sewqan ghal sitt xhur.

Il-Qorti fissret fi kliem car il-portata ta’ din is-sentenza lill-imputat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------